

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2010 — Apotheke DocMorris vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' salib aħdar)**

(Kawża T-173/10)

(2010/C 179/72)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Apotheke DocMorris Holding GmbH (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: Y. Dick, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni fil-Każ R 1606/2008-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-15 ta' Frar 2010;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva, li tirrappreżenta salib aħdar, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5, 8, 9, 10, 11, 16, 21, 25, 29, 30, 32, 35 sa 42 u 44 — Applikazzjoni Nru 5 930 946.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>, peress li l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv mill-Bord tal-Appell kienet ineżatta f'diversi aspetti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2010 — ARA vs UASI — Allrounder (Rappreżentazzjoni tal-ittra "A" b'żewġt iqrin)**

(Kawża T-174/10)

(2010/C 179/73)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: ara AG (Langenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Allrounder SARL (Sarrebouurg, Franza)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-26 ta' Jannar 2010 fil-Każ R 481/2009-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Allrounder SARL

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva, li tirrappreżenta l-ittra "A" b'żewġt iqrin, għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* b'mod partikolari trade mark verbali "A" għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud